**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors numru : 232/2015 AL

AV

Vs

CVB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa (5) ta' Ottubru elf disa mija disgha u sebghin (1979) registrat bin-numru progressiv elf disa` mija tnejn u ghoxrin zbarra tas-sena elf disa` mija disgha u sebghin (1922/1979) u minn dan iz-zwieg twieldu zewg itfal li llum it-tnejn huma maggjorenni; (Dok. A)

Illi l-partijiet huma legalment separati b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civil ital-24 ta' Frar 2011, Rikors numru ghoxrin zbarra tas-sena elfejn u tnejn (20/2002NC) fl-ismijiet AVB vs CVB (Dok. B);

Illi l-partijiet ilhom madwar hmistax (15) –il sena jghixu hajja separata;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi skond is-sentenza precitata mhux dovut ebda hlas ta' manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara li mhijiex qed topponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, u taqbel illi jikkonkorru il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ciononostante l-esponenti ma ghandhiex tbati spejjes in konnessjoni ma dawn il-proceduri, li ghandhom jigu sopporati esklussivament mir-rikorrent zewgha;

Illi finalment l-esponenti tirrileva umilment illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, senjatament G;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2015;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha talbet biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Galea, il-Qorti qeghda tilqa din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu hsieb jaghmel din il-korrezzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom hmistax il-sena de facto separati u ilhom legalment separati b'sentenza tal-Qorti datata 24 ta' Frar, 2011;

Illi r-rikrorenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tawtorizza lill-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' G, tilqa t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.